

Brussell, 4 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

5321/08
DCL 1

AVIATION 11
ISR 2

DEKLASSIFIKAZZJONI

tad-dokument: ST 5321/08 RESTREINT UE/EU RESTRICTED

data: 17 ta' Jannar 2008

status ġdid: Pubbliku

Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' l-Iżrael dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni deklassifikata tad-dokument imsemmi hawn fuq.

It-test ta' dan id-dokument huwa identiku għal dak tal-verżjoni preċedenti.

RESTREINT UE



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 17 ta' Jannar 2008 (24.01)
(OR. en)**

5321/08

RESTREINT UE

**AVIATION 11
ISR 2**

RAPPORT

Minn: Segretarjat tal-Kunsill

Lil: Delegazzjonijiet

Nru prop. Cion: 15540/07 AVIATION 207 ISR 17

Suġġett: Abbozz ta' Deċizzjoni mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' l-Iżrael dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru

1. Introduzzjoni

Fit-22 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni ppreżentat Rakkomandazzjoni lill-Kunsill sabiex jawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' l-Iżrael dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni għamel l-ewwel diskussjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni ta' hawn fuq fil-laqgħa tiegħu fil-15 ta' Jannar 2008. Dawk id-delegazzjonijiet kollha li esprimew opinjoni appoġġaw il-proposta dwar l-għoti ta' mandat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati komprensivi dwar l-avjazzjoni ma' l-Iżrael. Bosta mid-delegazzjonijiet issuġġerew ukoll li d-direttivi ta' negozjar proposti għandhom jiġu konformi mat-test tal-mandat tal-Ġordan adottat reċentement mill-Kunsill TTE. Barra minn hekk, għadd ta' delegazzjonijiet innotaw li għandu jiġi nnegozjat u inizjalat ftehim orizzontali ma' l-Iżrael, qabel ma' jinbdew negozjati dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.

RESTREINT UE

2. Segwitu

B'segwitu għar-Rakkomandazzjoni ta' hawn fuq, u għall-ewwel diskussjoni li saret fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fil-15 ta' Jannar 2008, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness abbozz ta' Deċiżjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq. Il-bidliet fir-rigward tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni huma indikati b'tipa grassa u ingassati.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ser ikompli bl-eżami tiegħu ta' l-abbozz tad-Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' l-Iżrael dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru fil-laqgħa tiegħu fid-29 ta' Jannar 2008.

FI għandha riżerva ta' skrutinju ġenerali dwar it-test.

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI MILL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA,

IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati
ma' l-Iżrael dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien ma' l-Artikolu 300(1) tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata biex tiftaħ negozjati fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, ma' l-Iżrael bil-ħsieb li jiġi stabbilit ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.

Il-Kummissjoni għandha tmexxi n-negozjati skond id-direttivi stabbiliti fl-Anness I u l-proċedura ad hoc stabbilita fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.¹

Din id-Deċiżjoni hi mingħajr preġudizzju għal arranġamenti, skond il-liġi Komunitarja u partikolarment ir-Regolament (KE) Nru. 847/2004 dwar in-negozjar u l-implimentazzjoni ta' ftehim dwar servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, għall-ftehim bilaterali li għaddejjin bħalissa bejn l-Istati Membri u l-Iżrael, sakemm jiġi konkluż ftehim Komunitarju.

¹ In-negozjati għandhom jitmexxew b'mod li jiżgura konsultazzjoni sħiħa u fil-ħin ta' dawk kollha interessati rilevanti, inkluż l-industrija tal-linji ta' l-ajru Ewropea, matul in-negozjati kollha.

RESTREINT UE

L-applikazzjoni ta' dan il-ftehim għall-ajruport ta' Ġibiltà hija mifhuma li hi bla preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit fir-rigward tal-kwistjoni dwar is-sovranità dwar it-territorju fejn jinstab l-ajruport u għas-sospensjoni fis-seħħ ta' l-Ajruport ta' Ġibiltà mill-miżuri ta' l-Avjazzjoni tal-Komunità Ewropea kif kienu jeżistu fit-18 ta' Settembru 2006 bejn l-Istati Membri skond it-termini ta' l-Istqarrija Ministerjali dwar l-Ajruport ta' Ġibiltà miftehma f'Cordoba fit-18 ta' Settembru 2006.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

ANNEX I GĦALL-ANNEX

DIRETTIVI TAN-NEGOZJATI

(Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha - Iżrael, Ftehim komprensiv dwar it-Trasport bl-Ajru)

1. **Objettivi tan-negozjati**

Abbażi tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi mill-qrib bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Iżrael, min-naħa l-oħra, u l-objettivi speċifiċi relatati ma' l-avjazzjoni fil-pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael, **il-ftehim ikun jeħtieġ li jkopri firxa ta' kwistjonijiet li essenzjalment jimmiraw lejn il-ftuħ tas-suq** bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Iżrael fejn it-trasportaturi taż-żewġ naħat ikunu jistgħu jipprovdu liberament is-servizzi tagħhom abbażi tal-prinċipji kummerċjali u jkunu kapaċi jikkompetu fuq bażi ġusta u ekwa u soġġett għal kondizzjonijiet regolatorji ekwivalenti jew armonizzati bbażati fuq ir-rikonossiment reċiproku.

2. **Kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim**

Ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru jippermetti lill-partijiet jistabbilixxu qafas ċar u koerenti li fih ikunu jistgħu jiżviluppaw b'mod kostruttiv ir-relazzjonijiet tagħhom dwar l-avjazzjoni fis-snin li ġejjin. Il-qafas għandu jkun ibbażat fuq pakkett globali ta' drittijiet u obbligi sabiex tiġi żgurata u promossa, inter alia, l-approssimazzjoni tal-liġijiet dwar l-avjazzjoni biex jiġu evitati konflitti dwar regoli, jiġu stabbiliti mekkaniżmi konġunti għall-kooperazzjoni dwar standards ta' sigurtà, sikurezza u ambjentali u tiġi mrawma l-kooperazzjoni fil-qasam industrijali. Il-ftehim ikun ikopri għadd ta' materji, bil-għan li jkun żgurat ftuħ tas-swieq f'fażijiet, reċiproku u sostenibbli **soġġett għal** proċess ta' kooperazzjoni regolatorja lejn il-konverġenza, filwaqt li jkun previst livell xieraq ta' flessibilità (eż. fir-rigward tal-perijodi transitorji). Il-ftehim m'**għandux** inaqqas il-livell ta' aċċess għas-suq maħluq bi ftehim bilaterali eżistenti. Il-Komunità m'hi se tagħti l-ebda dritt ta' traffiku addizzjonali bejn punt fl-Unjoni Ewropea u punt f'pajjiż terz, mingħajr referenza ulterjuri lill-Kunsill.

RESTREINT UE

- (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ftehim ikun konsistenti mat-Trattat u l-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti.
- (2) Il-ftehim għandu jipprovdi għal mekkaniżmi xierqa għall-verifika u l-iskambju ta' informazzjoni, bil-għan li tiġi żgurata kunfidenza reċiproka fit-twettiq ta' l-obbligi li wieħed ikun daħal għalihom, sabiex tiġi żgurata konkurrenza ekwa.
- (3) Il-ftehim għandu jipprevedi dispożizzjonijiet stretti dwar is-sikurezza u s-sigurtà ta' l-ajru, b'kont meħud tal-proċeduri, l-istandards u l-iżviluppi applikabbli fi jew li qed isiru fit-territorju tal-Komunità.
- (4) Il-ftehim għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni u l-għajnuniet ta' l-istat biex tiġi żgurata konkurrenza ekwa għall-operaturi kollha tas-suq.
- (5) Il-ftehim għandu jimmira li l-Iżrael ikun assoċjat fl-implimentazzjoni tas-Sema Uniku Ewropew.
- (6) Il-ftehim għandu jkopri aspetti ta' intermodalità bejn il-mezzi tat-trasport differenti.
- (7) Il-ftehim għandu jippermetti s-salvagwardja tal-flessibilità biex tittieħed azzjoni fl-UE fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, partikolarment fir-rigward ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ta' l-avjazzjoni fuq il-bidla fil-klima, il-kwalità ta' l-arja u l-livelli ta' l-istorbju fl-inħawi ta' l-ajruporti.
- (8) Il-ftehim m'għandux jipprojbixxi t-tassazzjoni fuq il-fjuwil ta' l-ajruplani li jingħata lill-ajruplani. Għandu jiċċara li r-regoli marbuta mat-tassazzjoni tal-fjuwil għall-ajruplani ta' Parti waħda għandhom jiġu osservati mit-trasportaturi ta' l-ajru tal-Parti l-oħra meta jkunu qed joperaw lejn, minn jew fit-territorju ta' l-ewwel Parti.
- (9) Il-ftehim għandu jimmira għall-liberalizzazzjoni tar-reġim ta' investiment **bejn il-Partijiet Kontraenti** soġġett għas-salvagwardji adatti.

RESTREINT UE

- (10) Għandu jkun iddekikat kapitolu partikolari għall-kooperazzjoni teknika u ta' riċerka.
- (11) Fl-implimentazzjoni ta' dawn l-oġġettivi, il-ftehim għandu jipprevedi l-flessibilità meħtieġa, b'mod partikolari fir-rigward tal-perijodi transitorji.
- (12) **L-inklużjoni ta' "klausoli ta' estensjoni ta' l-aktar nazzjon favoriti" għandha tiġi promossa. Permezz ta' tali klawnsola, il-Komunità u Sieħeb Mediterran jaħdmu biex joffru l-miżuri ta' liberalizzazzjoni li jaqblu bejniethom lil kwalunkwe Sieħeb Mediterran ieħor li miegħu diġà jeżisti Ftehim Ewro-Mediterran simili. Jekk il-pajjiż ta' l-aħħar irid jaċċetta din l-offerta, hu b'mod awto-evidenti obligat li joffri l-istess lill-Komunità u lill-pajjiż ta' l-ewwel. Jekk jirrifjuta l-offerta, ma jkunx hemm reċiproċità u l-"estensjoni" tintemm.**
- (13) **Il-Ftehim m'għandux jaffettwa l-qasam tal-VAT, bl-eċċezzjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ gross fuq l-importazzjonijiet. Barra minn hekk, il-ftehim m'għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet tal-ftehim rispettivi fis-seħħ bejn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u l-Iżrael biex tiġi evitata taxxa doppja fir-rigward ta' taxxi fuq id-dħul u fuq il-kapital.**
- (14) **Għandu jkun hemm enfasi partikolari biex jiġu riżolti kwistjonijiet importanti ta' "metodi ta' negozju" ("doing business").**

3. Struttura tal-ftehim

Mad-dħul fis-seħħ, il-ftehim finali ser jieħu post b'mod progressiv id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri ta' l-UE u l-Iżrael, b'kont meħud tal-ftehim orizzontali dwar it-trasport bl-ajru li għandu jiġi **diġà inizjalat** bejn il-Kummissjoni u l-Iżrael **minn qabel**.

RESTREINT UE

Għandu jiġi propost li jiġu implimentati ċerti elementi ta' ftehim finali aktar kmieni minn oħrajn tul proċess f'fażijiet.

Il-Kummissjoni **għandha** tinnegozja klawnsoli xierqa sabiex tapplika proviżorjament il-ftehim bejn l-iffirmar u l-konklużjoni tiegħu mill-partijiet, **skond l-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali.**

4. Ġestjoni tal-ftehim

Kull Parti ser tkun responsabbli għall-infurzar fit-territorju tagħha u fir-rigward taċ-ċittadini u t-trasportaturi ta' l-ajru tagħha.

Il-ftehim għandu jipprevedi mekkaniżmu xieraq għal soluzzjoni tat-tilwim u miżuri ta' salvagwardja u għandu jiġi stabbilit Kumitat Konġunt ta' rappreżentanti tal-Partijiet, li għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-ftehim u għall-implimentazzjoni korretta tiegħu.

5. Tmexxija tan-Negozjati

Il-Kummissjoni għandha twettaq in-negozjati skond dawn id-direttivi u l-proċedura ad hoc imniżżla fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

Għal oqsma ta' kompetenzi ta' l-Istati Membri, waqt in-negozjati l-Kummissjoni għandha tiżgura li t-tħassib ta' l-Istati Membri jiġi rifless b'mod xieraq. Il-ftehim, li għandu jkun ugwalment awtentiku fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE, għandu jinkludi klawnsola lingwistika għaldaqstant.

Il-Kummissjoni għandha tirrakkomanda l-modifika jew it-tmiem tal-mandat, jekk ma jkun sar ebda progress f'perijodu aktar fit-tul u ma jkun mistenni ebda progress fil-futur qrib.

DECLASSIFIED

RESTREINT UE

ANNEX II GĦALL-ANNEX

**PROĊEDURA AD HOC GĦAN-NEGOZJATI
LI JIKKONĊERNAW FTEHIM BEJN
IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA
U L-IŻRAEL**

I. Proċedura

- 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq in-negozjati f'isem il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, b'konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill biex jassistiha f'dan il-kompitu.**
- 2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lura b'mod regolari lill-Kunsill dwar il-progress tan-negozjati u l-eżitu ta' dawn in-negozjati.**

II. Regoli ta' kondotta li għandhom jiġu osservati

- 1. L-awtorizzazzjoni li jinfetħu negozjati b'mod awtomatiku tinvolvi l-istabbiliment ta' Kumitat Speċjali għan-negozjati in-kwistjoni.²**

Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill malajr kemm jista' jkun, bi kwalunkwe mod li jagħżlu, bl-ismijiet tar-rappreżentanti tagħhom f'dan il-Kumitat.

² Għal raġunijiet ta' konfidenzjalità jidher xieraq li jiġi stabbilit li r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri huma maħtura bl-isem u huma l-uniċi destinatarji tad-dokumenti li jirrigwardaw in-negozjati. Dan ma jfissirx li ma jistgħux jiġu sostitwiti jew akkumpanjati minn esperti.

RESTREINT UE

2. It-tħejjijiet għan-negozjati għandhom isiru fi żmien debitu.

Għal dan il-għan, id-dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar l-iskeda antiċipata u jibagħtu d-dokumenti rilevanti kemm jista' jkun malajr.

3. Għandha tinżamm koordinazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

- (a) Kull sessjoni ta' negozjati għandha tkun preċeduta minn laqgħa fil-Kumitat Speċjali sabiex jiġu identifikati l-problemi prinċipali għall-Komunità u l-Istati Membri tagħha u sabiex tiġi definita, jekk dan ikun possibbli, pożizzjoni komuni jew jiġu stabbiliti linji gwida.

Il-Presidenza għandha tagħmel l-arranġamenti għal din il-laqgħa fi żmien debitu, f'konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

- (b) Laqgħat ta' koordinazzjoni għandhom jinżammu fuq il-post matul in-negozjati fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Presidenza jew Stat Membru.

Il-Presidenza għandha tagħmel arranġamenti għal tali laqgħat u, jekk meħtieġ, għandha tfassal dokumenti dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet miżmuma.

- (c) Il-membri tal-Kumitat Speċjali għandhom jiġu mistiedna biex jattendu għas-sessjonijiet kollha ta' negozjati.

Diskussjonijiet li fihom il-membri tal-Kumitat Speċjali ma jkunux preżenti għandhom ikunu l-eċċezzjoni u m'għandhomx jissostitwixxu l-proċedura normali. Fi kwalunkwe każ il-Kumitat Speċjali għandu jiġi informat b'mod adegwat dwar kwalunkwe tali diskussjoni.

RESTREINT UE

Matul tali diskussjonijiet il-Kummissjoni tista' tiġi akkumpanjata minn numru limitat ta' membri tal-Kumitat Speċjali li jaġixxu bħala esperti. Fi kwalunkwe każ, il-President tal-Kumitat Speċjali jista' jattendi għal dawn id-diskussjonijiet fuq it-talba tiegħu/tagħha.

- (d) Għal oqsma ta' kompetenza Komunitarja l-Kummissjoni għandha tkun il-kelliem għall-Komunità matul in-negozjati, u r-rappreżentanti ta' l-Istati Membri għandhom jitmellmu biss jekk jiġu mitluba li jaġmlu dan mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri ma jistgħu jieħdu l-ebda azzjoni li x'aktarx tkun ta' żvantaġġ għall-Kummissjoni fix-xogħol tagħha.

DECLASSIFIED